Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 8/2011

**Hector Carter (Appellant)**

**vs**

**Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**(L-Awtorita' Kompetenti) (Appellat)**

Il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2016

Fit-3 ta' Marzu 2010, L-Awtorita` Kompetenti ħarġet żewġ stejjem; waħda ta' €136,485 u l-oħra ta' €30,316.83, u penali (*low declaration levy*) ta' €17,891.09 kontra Hector Carter, għall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Diċembru 2007 u mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 t'Ottubru 2009.

Fit-23 t'April 2010, Carter appella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-kontribuzzjonijiet.

Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2011 (Appell numru 3/10) il-Bord tal-Appelli Dwar L-Eko Kontribuzzjoni ċaħad l-appell ta' Hector Carter u kkonferma l-likwidazzjoni taż-żewġ stejjem bil-penali kif maħruġa mill-Awtorita` Kompetenti.

Hector Carter appella mis-sentenza tal-Bord tal-Appelli, bl-aggravju li l-Bord:

(i) bil-mod kif ipproċeda għas-sentenza, ippreġudika d-dritt tal-appell tal-esponent;
(ii) applika ħażin il-piż tal-prova;
(iii) kiser l-obbligi tiegħu kostituzzjonali ta' imparzjalita` u indipendenza;
(iv) m'għamilx apprezzament legali xieraq tal-punti ta' liġi Komunitarja;

Permezz ta' nota tal-21 ta' Mejju 2012, l-appellant talab li ssir riferenza lill-Prim'Awla fil-veste kostituzzjonali tagħha billi allega ksur tal-Artiklu 6 tal-Kap 319 u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u riferenza lill-Qorti Ewropeja għal *preliminary ruling* billi saħaq li l-imposizzjoni tal-eko-kontribuzzjoni mhix kompatibbli man-normattiva Komunitarja u għalhekk l-imsemmija 'taxxa' hija illeġittima u inkompatibbli mad-dritt tal-proprjeta`.

B'digriet tal-25 ta' Marzu 2015 din il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-appellant. Sussegwentement l-appellant talab is-soprassessjoni tal-appell peress li ppreżenta kawża kostituzzjonali 52/2015 fejn jilmenta dwar il-mod kif ipproċeda l-Bord, kif ukoll dwar il-provvedimenti tal-liġi liema proceduri jsostni li jolqtu direttament dan l-appell. B'digriet tas-7 ta' Diċembru 2015, il-qorti ċaħdet it-talba għas-soprassessjoni.

Il-qorti tibda biex tosserva li skond il-formoli tal-Appell li kien ippreżenta l-appellant quddiem il-Bord tal-Appell fit-23 ta' April 2010, m'huwiex jikkontesta:

i. L-Eko-Kontribuzzjoni dovuta minnu ghall-perjodu l-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Dicembru 2007 hi ta' €50,970;
ii. L-Eko-Kontribuzzjoni dovuta minnu ghall-perjodu l-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Ottubru hi ta' €89,919.86;

Fir-rigward tal-aggravji, il-qorti tosserva:

1. Bl-ewwel aggravju l-appellant isostni li b'differenza mil-liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u t-Taxxa fuq id-Dħul, skont il-liġi dwar l-eko-kontribuzzjoni (Kap. 473) it-terminu tal-appell jibda jimxi mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tan-notifika tagħha. Minkejja dan, il-Bord ma tax is-sentenza f'seduta imma llimita ruħu biex jibgħat kopja tad-deċiżjoni bil-posta reġistrata. Dan effettivament naqqas iż-żmien disponibbli għall-appellant biex iħejji l-appell tiegħu, u dan huwa ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq.

   Id-decizjoni nghatat fit-8 ta' Frar 2011. Jidher li fit-12 ta' Frar 2011[1] l-appellant ġie notifikat bid-deċiżjoni. Skont l-Artiklu 23(1) tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap 473), meta parti f'appell tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli, tista' tappella fuq punt ta' liġi quddiem din il-qorti. Ir-rikors tal-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni. Madankollu, il-liġi kif inhi llum ġiet approvata mill-Parlament fis-16 ta' Marzu 2011 u approvata mill-President tar-Repubblika fit-22 ta' Marzu 2011. Fiż-żmien li sar l-appell, ir-rikors kellu jiġi ppreżentat fi żmien tletin (30) jum ***"mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli"***.

   Skond l-Artikolu 21 tal-Kap. 473:

[1] Dikjarazzjoni fir-risposta tal-appell, fol 10 u 11, mhux kontestata mill-appellant.

*"21. (1) Meta l-Bord tal-Appelli jkun qed jiddelibera dwar xi appell, dan għandu jqis il-merti tal-appell u jista', kemm għal kollox kemm f'parti minnha, jikkonferma jew jannulla d-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi appellata, filwaqt li jagħti bil-miktub il-motivazzjonijiet li jwasslu għad-deċiżjoni u* ***jara li dik id-deċiżjoni ssir pubblika u tiġi komunikata lill-partijiet f'dak l-appell."***

Fil-fehma tal-qorti m'huwiex biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Bord tintbagħat lill-partijiet bil-posta. Jidher li l-legislatur ried li jkun hemm l-element tal-pubbliċita. Madankollu l-appellant qiegħed jilmenta mill-fatt li ma kellux it-tletin (30) ġurnata kollha sabiex jappella. Hu ovvju li l-fatt li l-Bord tal-Appelli ta d-deċiżjoni in camera u mingħajr mal-partijiet ġew avżati bid-data meta ser tingħata d-deċiżjoni, wassal sabiex il-perjodu ta' tletin (30) jum li jissemmew fl-Artikolu 23, ġew imnaqqsa. Madankollu l-appellant xorta kellu ħamsa u għoxrin ġurnata sabiex jipprepara l-appell tiegħu, li m'huwiex sostanzjalment iqsar minn dak stabbilit mil-liġi.

L-Artikolu 790 tal-Kap. 12 jipprovdi li meta f'appell tingħata l-eċċezzjoni li s-sentenza hi nulla, dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha ħlief *"... fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ghal smiegħ xieraq."* Għalkemm f'dan il-każ kien hemm difett, madankollu ġialadarba kien għad fadal 25 ġurnata sabiex l-appellant jappella, ma ġiex preġudikat l-jedd ghal smiegh xieraq. Effettivament l-appellant ippreżenta l-appell fit-terminu.

2. Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-Bord qaleb il-piż tal-prova minn fuq spallejn l-appellat għal fuq spallejh. Huwa jgħid li l-piż tal-prova mhux bħal dak fil-Kapijiet 123, 372, u 406, u billi l-Kap 473 ma jgħid xejn dwar il-piż tal-prova, japplika l-prinċipju ġenerali tal-Artiklu 562 tal-Kap 12 li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.

   Din l-asserzjoni tal-appellant mhix preċiża għal kollox. Għalkemm hekk kienet il-liġi meta nħarġu l-istejjem fit-3 ta' Marzu 2010, permezz t'Att I.2010 (Artiklu 70), ġie miżjud mal-Kap 473 l-Artiklu 13Ċ li jaqra hekk:

   *"Kull stqarrija maħruġa mill-awtorità kompetenti u kull stima maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A li turi kull ammont ta' eko-kontribuzzjoni dovuta minn persuna għandha tkun xiehda biżżejjed,* ***kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja****, li dak l-ammont ikun dovut lill-awtorità kompetenti minn dik il-persuna u għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

Disposizzjoni li daħlet fis-seħħ fis-16 t'April 2010. L-appell quddiem il-Bord tal-Appell sar fit-23 t'April 2010 u għalhekk l-Awtorita` ma kellhiex fuq spallejha l-piż li ġġib il-prova tal-korrettezza tal-istimi, minkejja li dawn saru qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artiklu 13Ċ. Dispożizzjonijiet ta' natura proċedurali jidħlu fis-seħħ b'effett immedjat. F'dan il-każ l-appell ġie intavolat **wara** d-dħul fis-seħħ tal-liġi. Huwa irrilevanti meta saru l-istimi. Iż-żmien rilevanti hu meta l-appellant appella quddiem il-Bord tal-Appelli.

L-appellant naqas li jirreġistra għall-fini tal-Eko-Kontribuzzjoni meħtieġa minkejja li l-attivita` kummerċjali ewlenija tiegħu ta' importazzjoni u bejgħ fis-suq lokali ta' birra u prodotti simili hi attivita li tapplika ghaliha l-Att tal-Eko Kontribuzzjoni[2]. Għalhekk ġie investigat mill-awdituri tat-Tax Compliance Unit. Mir-rapport jirriżulta li l-perjodu li dwaru saret l-investigazzjoni kien mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2008. Waqt l-investigazzjoni l-appellant minkejja li kien mitlub diversi drabi baqa' ma tax informazzjoni lill-awdituri[3]. L-Awtorita` Kompetenti kienet kostretta toħroġ żewġ stejjem ta' kemm kellu jħallas eko-kontribuzzjoni abbażi ta' rapport tal-awdituri tat-Tax Compliance Unit, li kien ibbażat fuq informazzjoni li tathom id-Dwana u mill-Intrastat. Din l-informazzjoni kienet imqabbla ma' nformazzjoni meħuda mid-database tal-VAT Information Exchange System li tiġbor informazzjoni reġistrata mill-esportaturi stess fuq xi jkunu esportaw lill-importaturi Maltin, minħabba li l–VAT fuq dawn il-prodotti jkun imħallas f'Malta.

Jekk ghall-grazzja tal-argument biss kellu jitqies li l-Artiklu 13Ċ ma japplikax għall-każ in eżami, jibqa' fatt li l-Awtorita` ippruvat il-veraċita` tal-istejjem tagħha. Meta Hector Carter appella quddiem il-Bord, parti mill-aggravju kien li dak li ġie ddikjarat fl-istejjem ma kienx korrett u li l-istima hija bbażata fuq apprezzament żbaljat tal-fatti. Ġialadarba l-Awtorita` Kompetenti ressqet il-provi dwar kif waslet

---

[2] Fir-rapport tat-Tax Compliance Unit jingħad*: "Although the taxpayer was oblited to register with the VAT Department for ECO purpose and, in spite of several written reminders from VAT officials, he did not comply up to the date of this report."*

*[3] Hekk per eżempju f'ittra datata 7 ta' Jannar 2011 gie nfurmat: ".... nigbidlek l-attenzjoni ghall-fatt li l-Bord kien talab lir-rappreżentant tiegħek, is-sur Dunstan Magro biex fi żmien ġimgħa mid-data tas-seduta, jiġifieri mhux aktar tard mit-3 ta' Novembru 2010, jinforma lill-Bord bil-miktub jekk kien f'pożizzjoni li jibgħat lill-Bord id-dokumenti mitluba waqt is-seduta. Peress li sal-lum il-Bord ma ġiex infurmat bl-intenzjoni tiegħek, il-Bord qed jatik sas-17 ta' Jannar 2011 sabiex jekk għandek xi dikjarazzjonijiet jew dokumenti x'tissottometti, dan tagħmlu sad-data msemmija. Fin-nuqqas ta' dan, il-Bord igħaddi biex jiddeċiedi l-każ fuq l-informazzjoni li għandu."*

għall-istima, u l-appellant kien qed jattakka l-korrettezza ta' din l-istima, skont l-artiklu 562 tal-Kap 12 kellu jipprova dak li kien qiegħed jallega, ċjoe` li l-istejjem ma kinux affidabbli. Ħaġa li naqas milli jagħmel. Quddiem il-Bord tal-Appelli reġa' ma ssostanzjax l-argumenti tiegħu. La pproduċa invoices u lanqas dokumenti tan-negozju fuq l-importazzjoni li kien għamel matul iż-żmien li għalihom jirreferu l-istejjem.

L-appellant jargumenta wkoll illi l-Bord ma kellux jedd jitolbu dokumenti biex jirribatti l-istimi għaliex il-penali hija *tax surcharge* u skond is-sentenza **Hannu Lehtinen v Finland** (Applikazzjoni numru 32993/02) tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem mogħtija fit-22 ta' Lulju 2008, *tax surcharge* hi ta' indoli kriminali u għalhekk l-akkużat hu ntitolat għad-dritt tas-silenzju. Hu evidenti li l-appellant għażel li ma jippreżentax dokumenti, minkejja li kien ilu s-snin jintalab sabiex jissostanzja l-appell tiegħu. Il-qorti ma tifhimx kif l-appellant jippretendi li kellu jingħata raġun fir-rigward tal-ammonti li ddikjara fil-formoli tal-appell li ppreżenta fl-20 ta' April 2010 meta ma ppreżenta l-ebda dokument biex jissostanzja ċ-ċifri li dikkjara bħala dovuti għal dak li jirrigwarda ħlas ta' eko-kontribuzzjoni mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2009. Fiċ-ċirkostanzi m'hemmx dubju li l-Bord tal-Appelli kellu jiddeċiedi fuq il-provi li tressqu, u f'dan il-każ kien hemm il-prova li ressqet l-Awtorita' kompetenti. Il-qorti tifhem li ġialdarba jirrżulta li l-appellant ma ppreżentax il-prospetti li skond il-liġi kellu obbligu li jippreżenta lid-Dipartiment, it-tagħrif kellu jinġabar mis-sistemi hawn fuq imsemmija.

3. It-tielet motiv tal-aggravju huwa marbut mal-fatt li xi membri tal-Bord seta' kellhom impjieg jew taw xi konsulenza lill-kontro-parti. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet fil-provvediment li tat fil-25 ta' Marzu 2015 (ara pagna 12-13). Fid-digriet il-qorti osservat li:

(a) ma kienx hemm provi li xi membri kienu nvoluti fil-każ partikolari li kellhom quddiemhom;
(b) L-Artiklu 26(5) tal-Kap 473 jistabbilixxi l-istess raġunijiet għal rikuża jew astensjoni li nsibu fl-Artiklu 734 tal-Kap 12. Dawn id-disposizzjonijiet jelenkaw il-motivi ta' rikuża b'mod tassattiv u dawn ma jistgħux jiġu estiżi oltre dawk speċifikati[4] għajr f'każijiet eċċezzjonali fil-każ ta' raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom

[4] il-Qorti ċċitat lil John M. Mizzi v Frederick Muscat Prim'Awla, 12.11.1970.

(*conveniente*) tali astensjoni jew rikuża[5]. Ma' dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti żżid dak li qalet din il-qorti (Imhallef P. Sciberras)[6]:

*"Kwantu ghat-tieni ilment fl-esposizzjoni maghmula in referenza ghall-"bias" allegat, jibda biex jigi osservat bi preliminari illi, kif ritenut, "the requirement of independence and impartiality of a Judge is counterbalanced by the Judge's duty to sit, at least where grounds for disqualification do no exist in fact or in law. This duty in itself helps protect judicial independence against manoeuvring by parties hoping to improve their chances of having a given matter determined by a particular Judge or to gain forensic or strategic advantages through delay or interruption to the proceeding" (ara artikolu tal-**Professur David Mclean**, editur tal-**Commonwealth Judicial Journal**, Vol. 17, No. 3, June 2008, pagna 44). L-istess awtur ta' dan l-artikolu ntitolat "**More on Judicial Bias**" jissokta jillustra l-qaghda b'referenza ghal kazistika Ingliza u Awstraljana u l-aktar dik tat-test adoperat f'dawn il-gurisdizzjonijiet bl-accent li jaghmlu ghal "<u>real possibility of bias</u>" u "<u>reasonable apprehension of bias</u>. Proprju fuq l-ewwel xorta ta' test espress mill-Qrati Inglizi f'abbinament mal-kuncett tal-"fair minded and informed observer", il-**Privy Council** irrimarka illi "the requirement of fair mindedness meant that the observer must be taken to have a balanced approach, neither naive or complacent nor unduly suspicious or cynical. The requirement that the observer be informed meant that he does not come to the matter as a stranger or complete outsider; he must be taken to have a reasonably working grasp of how things are usually done" (**Bolkiah (HRH Prince Jefri) -vs- State (Brunei) (No. 3) (2007) (UKPC 62)**;*

*Premess dan, is-socjeta` appellanti ppretendiet illi ghal dik ir-raguni espressa bl-ilment taghha c-Chairman tal-Bord kellu jastjeni ruhu jew jaccetta li jkun rikuzat skond kif talbet bir-rikors taghha lill-Bord tat-22 ta' Awissu, 2008 (fol. 28). Rikuzazzjoni din, li skond kif preskritt fl-Artikolu 26 (5) tal-Kapitolu 473, kellha tkun bazata fuq xi wahda mir-ragunijiet dettati mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili. Ma' din it-talba, il-Bord, wisq korrettement fil-fehma tal-Qorti, ma qabilx ghax tenna illi dik il-funzjoni precedenti tac-Chairman ma kienetx timplika illi, b'daqshekk, din kellu jkollha riflessjoni negattiva fuq l-imparzjalita` u l-gudizzju tieghu. Fil-verita`, kieku kellu jigi accettat dak sottomess mis-socjeta` appellanti jkun ifisser illi l-koncett tal-"fair mindedness" u tal-"balanced approach" ghal liema tirrikollega ruhha l-kazistika Ingliza jigi rez nullifikanti ghax allura, ukoll, tghid x'tghid il-ligi in materja ta' rikuzazzjoni, il-gudikant ikollu jastjeni ruhu dejjem jekk xi darba, qabel ma gie elevat ghal dik il-kariga, jkun okkupa ruhu mill-interessi ta' klijent li jidher quddiemu jew, del resto, agixxa f'isem klijent partikulari kontra terz li imbaghad jidher quddiemu bhala parti. Intqal sewwa mill-**Onor. Imhallef insenji Maurice Caruana Curran** meta rritjena illi "certament, fost id-dmirijiet spiss mhux pjacevoli ta' kwalunkwe Imhallef hemm dak li kultant ikollu jiddeciedi li jibqa' f'kawza meta wahda mill-partijiet tkun irrikuzatu. Huwa japprezza d-delikatezza u l-importanza ta' l-eccezzjoni sollevata kontra tieghu f'dan il-kaz, ghax kwestjonijiet bhal dawn huma intimament marbuta mal-bazi stess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, l-imparzjalita` manifesta. Izda, minn naha l-ohra, il-ligi taghna fl-Artikolu 734 u 735 (Kapitolu 12) telenka l-motivi tar-rikuzazzjoni tassattivament b'mod li ma jistghux jigu estizi oltre*

[5] il-Qorti ċċitat lil Lawrence Grech v Carmelo Pulis, Prim'Awla, digriet tal-10.03.2015.

[6] Mambra Co. Ltd. v Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (L-Awtorita` Kompetenti) Qorti tal-Appell, 27.02.2009.

*dawk specifikati fl-Artikolu 735. L-allegazzjoni tal-parti rikuzanti mhix bizzejjed u r-raguni allegata trid tigi pprovata minnha stess (Artikolu 738). Ghalhekk l-Imhallef ghandu jipprova jimxi bl-ikbar attenzjoni li jista' u ma jhares lejn xejn hlief il-ligi u l-provi". ("**John M. Mizzi nomine -vs- Frederick Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Novembru, 1970)".*

4. Bir-raba' aggravju l-appellant jilmenta li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-liġi komunitarja, u jsostni li l-liġi tal-eko-kontribuzzjoni hi nkompatibbli mal-Art. 33(1) tas-Sixth Council Directive 77/338/EEC on the Harmonization of the laws of the Member States relating to turnover taxes tas-17 ta' Mejju 1977, kif emendat bil-Council Directive 91/680/EEC tas-16 ta' Dicembru 1991. L-appellant isostni li ġialadarba teżisti s-sistema komuni fl-Istati Membri ta' impożizzjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, allura ikun hemm projbizzjoni ta' tassazzjoni domestika oħra li jkollha l-karatteristiċi ta' *turnover taxes.* Din il-materja ġiet trattata fid-digriet tal-25 ta' Marzu 2015 (ara fol. 8-11) u l-qorti ċaħdet it-talba ghal riferenza preliminari quddiem il-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja. Fid-digriet din il-qorti qalet:

*"…. Huwa bil-wisq evidenti illi l-eko-kontribuzzjoni ma tista' qatt tikkwalifika bhala turnover tax fejn din tal-aħħar ġiet definite bhala 'similar to a sales tax or a VAT, with the difference that it taxes intermediate and possibly capital goods. It is an indirect tax, typically on an ad valorem basis, applicable to a production process or stage,", liema taxxa fl-ahhar mill-ahhar hija taxxa fuq il-konsumatur…… ghalkemm ghandha s-sembjanzi ta' "taxxa", hija essenzjalment kontribuzzjoni maghmula ghal ħarsien tal-ambjent, kontribuzzjoni stabbilita f'rata fissa ghal kull prodott differenti li jista' potenzjalment jagħmel ħsara lill-ambjent meta jasal biex jintrema. Fid-dawl ta' dawn id-definizzjonijiet ta' dawn il-liġijiet fiskali, huwa bil-wisq evidenti illi l-eko-kontribuzzjoni għalkemm għandha s-sembjanzi ta' imposizzjoni fiskali fuq il-prodott meta dan jitqiegħed fuq is-suq jew b'xi mod ieħor jiġi trasferit, ma jista' qatt jilbes il-libsa ta' turnover tax jew jiġi mqabbel mat-taxxa fuq il-valur miżjud. Illi l-appellanti stess bl-ebda mod ma jindika kif u taħt liema definizzjoni legali l-kontribuzzjoni in diżamina tista' tiġi kwalifikata bħala turnover tax u għalhekk tmur kontra l-projbizzjoni imposta fid-direttiva komunitarja. Dan għaliex id-direttiva ma żżommx l-Istati Membri milli jimponu taxi oħra basta li dawn ma jikkwalifikawx bħala turnover taxes."*

Materja li diga' giet trattata u deċiża fis-sentenza ta' din il-qorti (Imħallef P. Sciberras) fl-appell **Mambra Co. Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud** tas-27 ta' Frar 2009[7]. Fiċ-cirkostanżi

[7] Kopja tas-sentenza tinsab a fol. 28 tal-process. Il-qorti kkonkludiet li *"…. Huwa evidenti illi l-eko-kontribuzzjoni ma kinitx intiza li finalment tghaddi fuq il-konsumatur, bl-istess mod komparabbli ghal dik tal-ligi tal-VAT. Agguntivament, kif sewwa rilevat mill-Kummissarju appellat, is-sistema ta' din ic-charge ma ghandhiex insit fiha dik tal-input jew tal-output VAT, karatteristici tas-sistema tal-VAT, u mhix lanqas relatata mal-prezz. Huwa minnu li, x'aktarx ghal finijiet prattici, l-eko-kontribuzzjoni hi amministrata mill-istess Dipartiment tal-VAT. Mill-*

l-qorti m'għandhiex x'iżżid ma dak li diġa' ġie deċiż bid-digriet tal-25 ta' Marzu 2015.

**Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

---

*bqija ma jidher li għandha ebda punt ta' kuntatt mal-attributi tal-liġi tal-VAT, u l-ebda element ma javviċinaha għal din l-istess taxxa fiskali."*